# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVIL

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu, 2002.**

**Kawza Numru: 37**

**Citaz. Nru. 1363/97GV**

Doc. 217-02

**Anthony u Mary konjugi Hewitt**

**Vs**

**Gordon Gerada u Leslie Gerada ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta G.L.G. Construction Co. Ltd. U b'digriet tal-25 ta' Frar, 2000 gew kjamati in kawza Gordon Gerada u Leslie Gerada personalment**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija l-propjetarja tal-fond sovrapost ghall-garaxx maghruf bhala "Marton", fi Triq Schranz, Msida, liema garaxx huwa proprjeta' ta' l-atturi;

Premess li l-konvenuti noe f'dan l-ahhar zmien ghamlu xoghol ta' kostruzzjoni fuq il-fond ta' l-atturi b'mod li kkagunaw danni

lill-istess fond kif jirrizulta mic-certifikat tal-perit arkitett Joe Sultana Dok A;

Premess li ghalkemm l-atturi sejhu diversi drabi lill-konvenuti noe sabiex jaghmlu xoghol ta' riparazzjoni fil-fond taghhom, izda dawn baqghu inadempjenti;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti biex:

1 Tiddikjara li l-konvenuti noe kkagunaw hsarat fil-fond ta' l-atturi b'xoghol ta' kostruzzjoni li huma ghamlu fil-fond sovrapost l-istess fond;

2 Tordna lill-konvenuti noe sabiex fi zmien qasir u perentorju hekk stabbilit minn din il-Qorti huma jaghmlu x-xoghol kollu ta' riparazzjoni mehtieg fil-fond ta' l-atturi taht id-direzzjoni ta' perit nominat ghal dan l-iskop; u

3 Fin-nuqqas l-atturi jigu awtorizzati li jaghmlu l-istess xoghol ta' riparazzjoni ghas-spejjez tal-konvenuti noe.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-23 ta' Frar 1997 u ta' l-ittra ufficjali tal-24 ta' April, 1997, kollha kontra l-konvenuti noe.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 10 tal-process fejn eccepew:

Illi preliminarjament s-socjeta GLG Construction Co. Limited ma ghandha ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess atturi billi s-socjeta' konvenuta ma ghamlet ebda xoghol ta' kostruzzjoni fuq il-fond ta' l-atturi u ma kkagunat ebda danni;

Salv kull eccezzjoni ulterjuri spettanti lill-eccipjenti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**